MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 128/2007

## ANGELO ABELA
## V
## MASTER ELECTRIC COMPANY LIMITED

**Il-Qorti;**

Rat li nhar s-sittax ta' April 2007, r-rikorrent Angelo Abela pprezenta rikors fir-Registru ta' din il-Qorti fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv numru 675/06 fl-ismijiet premessi fejn espona s-segwenti:
"Illi s-socjeta 'Master Enterprises Ltd' ghogobha tipprezenta rikors fil-wiehed w ghoxrin ta' Marzu 2007, u cioe sebat ijiem qabel l-jum iffissat ghal bejgh bis-subbasta tal-oggetti maqbuda bis-sahha tal-mandat odjern, u dan sabiex tirrevoka l-istess mandat. Tali talba saret a bazi ta' dikjarazzjoni mhux mahlufa ta' awditur, presubilment tas-socjeta ezekutata.
Illi din l-Onorabbli Qorti ghogobha tirrevoka l-mandat odjern *in camera* u dan minghajr ma l-esponenti gie notifikat bl-imsemmi rikors w inghata l-opportunita li jikkontradici l-asserzjonijiet tas-socjeta debitrici.

Illi tali revoka hi ghal kollox irritwali. Illi l-artikolu 283A tal-Kap 12 jippresrkrivi l-mod kif att ezekuttiv jista jigi attakkat u din l-Onorabbli Qorti hija tassattivament obbligata li tappunta tali rikors ghas-smiegh u l-ezekutant ghandu jigi notifikat b'tali rikors sabiex jinghata l-opportunita li jirrispondi ghalih. Illi tali procedura ma gietx segwita u dan ghad-detriment ovvju tal-esponenti.

Illi in oltre, s-socjeta rikorrenti m'ghandha l-ebda *locus stanti* f'dawn il-proceduri u lanqas qatt ma talbet li tintervjeni fl-istess. Se mai, kellha tkun s-socjeta ezekutata li kellha taghmel t-talba ghar-revoka u mhux s-socjeta rikorrenti."

Ghaldaqstant talab li din l-Onorabbli Qorti tirrevoka d-digriet taghha tat-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2007 stante l-irritwalita tieghu u sabiex tappunta r-rikors tas-socjeta debitrici ghas-smiegh skond kif preskritt fl-artikolu 283A tal-Kap 12 sucitat.

Rat d-digriet taghha tas-sittax ta' April 2007 fejn wara li rat l-artikolu 283A tal-Kap 12, ordnat li l-atti tal-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv numru 675/06 jingiebu quddiemha w ordnat li dan r-rikors ta' Angelo Abela jigi notifikat lil intimat li ghandu jumejn zmien ghar-risposta w irrizervat li tipprovdi ulterjorment.

Rat r-risposta tas-socjeta Master Electric Company Limited ippresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tmienja ta' Mejju 2007 fejn esponiet is-segwenti:

"Illi l-esponenti rcieva rikors datat sittax ta' April 2007 fejntalab sabiex jigi revokat d-digriet taghha tat-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2007 stante l-irritwalita w joghgobha tappunta r-rikors ghas-smiegh;

Illi l-esponenti bir-rispett jissottometti li din mhiex l-procedura sabiex titlob r-revoka ta' digriet u missu kien hemm Appell jew jekk mhux Appell, ghandha ssir kawza anke ghal grazzja tal-argument jekk kien hemm l-irritwalita fid-decizjoni tal-Qorti;

Illi di piu, wara li gie deciz b'digriet r-rikors ta' Master Enterprizes Limited l-affarijiet gew mehlusa u l-esponenti iddispona minnhom;

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jissottometti li dan r-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjes kontra r-rikorrenti."

Rat d-digriet ta' din il-Qorti kif preseduta datat l-erbatax ta' Mejju 2007 fejn wara li rat r-rikors promotorju ta' Angelo

Abela u l-atti processwali, appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghal nhar l-Hamis, erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2007.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2007, l-partijiet dehru quddiem din il-Qorti u l-istess Qorti ordnat li jigu esibiti permezz ta' nota, l-atti kollha konnessi mal-kawza odjerna u dan sabiex il-Qorti tkun f'posizzjoni li tara l-atti qabel ma taghti d-decizjoni taghha.

Il-Qorti rat illi permezz ta' nota datata erbgha ta' Gunju 2007, id-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali ppresenta l-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv numru 675/06 fl-ismijiet premessi, flimkien ma rikors li kien gie ppresentat mis-socjeta Master Electric Company Limited nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Marzu 2007.

Il-Qorti ezaminat wkoll l-kontenut tar-rikors datata wiehed w ghoxrin ta' Marzu 2007 fejn s-socjeta intimata talbet r-revoka tal- Mandat ta' Qbid Ezekuttiv numru 675/06 u dan peress li stqarr li l-oggetti maqbuda bil-mandat in kwistjoni numru 675/06 ma kienux jappartjenu lis-socjeta intimata skond d-dokument 'A' esibit fl-atti.

Rat d-digriet *sic et simplicite* ta' din il-Qorti diversament preseduta moghti nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2007 fejn dik il-Qorti laqghet t-talbiet rikorrenti minghajr m'appuntat r-rikors ghas-smiegh u minghajr m'ordnat n-notifika tar-rikors lil kontro parti.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-atti processwali jirrizultaw s-segwenti:

1. Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Marzu 2007, Angelo Abela talab l-hrug ta' Mandat ta' Qbid Ezekuttiv numru 675/06 fl-ismijiet premessi a bazi ta' taxxa ufficjali tad-drittijiet u spejjes tal-Avviz Numru 376/02 fl-ismijiet inversi, deciza fil-Qorti tal-Appell nhar it-tmintax ta' Mejju 2005, liema taxxa giet reza esekuttiva permezz ta' ittra ufficjali ppresentata fis-sittax ta' Settembru 2005 numru 7828/05, notifikata lil kontro parti nhar l-erbgha ta' Ottubru 2005;

2. Illi, b'digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2006, t-talba ta' Angelo Abela giet akkordata;

3. Illi nhar t-tmienja ta' Mejju 2006, il-Mandat ta' Qbid fuq imsemmi gie ezegwit u gew maqbuda diversi oggetti minn indirizz fi Triq s-Sebħ, Qormi;

4. Illi nhar t-tlettax ta' Marzu 2007, H.C. Micallef, Accountant presubilment tas-socjeta intimate, hareg dikjarzzjoni u stqarr li diversi oggetti li kienu proprjeta ta' Master Electric Company Limited gew mibjugha lil Master Enterprizes Limited fis-sena li spiccat fil-wiehed u tletin ta' Dicembru 2005, fosthom uhud mill-oggetti maqbuda bil-Mandat;

5. Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Marzu 2007, s-socjeta intimtata Master Electric Company Limited talbet r-revoka ta' dan il-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv;

6. Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2007, din t-talba giet milqugha minn din il-Qorti diversament preseduta;

7. Illi sussegwentement r-rikorrent Angelo Abela ippresenta r-rikors odjern fejn talab r-revoka contrario imperio ta' dan d-digriet tat-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2007 ghar-ragunijiet fuq imsemmija kif imsemmija fir-rikors tieghu;

8. Illi l-intimat Master Electric Company Limited oppona tali talba.

Illi ma hemmx dubbju li huwa l-artikolu 283A tal-Kap 12 li jirregola l-procedura li ghandha tigi adoperata kif ghandhom jigu attakkati titoli ezekuttivi.
Dan l-artikolu jipprovdi li min jinhareg kontrih att ezekuttiv jista jaghmel rikors lil dik il-Qorti li tkun harget dak l-att, fejn jitlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skond l-ligi.
Illi pero meta dan isir skond il-proviso (2) tal-imsemmi artikolu 283A, dik l-Qorti li quddiemha hemm l-talba fejn qed jigu attakkat l-att ezekuttiva, ghandha tappunta dan r-rikors ghas-smiegh u dan fi zmien sitt (6) ijiem mill-presentata tar-rikors.
Isegwi wkoll, li skond s-sub inciz (3) tal-istess artikolu 283, kopja tar-rikors ghandha tigi notifikata lil persuna li fuq talba tieghu, ikun inhareg l-att ezekuttiv u hija tista mhux aktar tard mill-jum appuntat ghas-smiegh tar-rikors, taghti r-ragunijiet taghha, jekk ikollha, ghaliex dik t-talba m'ghandiex tintlaqa'. Fin-nuqqas ta' din l-oppozizzjoni, l-Qorti ghandha tilqa t-talba. Illi dan kollu naturalment huwa in linea mal-principju ta' gustizzja naturali maghruf fis-sistema legali taghna bhala '*audi alteram partem'*

Il-Qorti, imbaghad, <u>wara</u> li tkun semghet l-partijiet, ghandha b'digriet separat moghti fil-Qorti **bil-miftuh** <u>jew</u> tichad r-rikors jew inkella tilqa t-talba li jkun hemm fir-rikors u timponi dawk l-kundizzjonijiet li jistghu jidhrulha xierqa li taghmel [Sec. 283(4) tal-Kap 12].
Illi r-ragunijiet moghtija mir-rikorrent sabiex din il-Qorti tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha (diversament preseduta) nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2007 kienu s-segwenti:

1. Illi l-procedura adoperata mill-Qorti ma kienetx skond dik preskritta mill-ligi.

Il-Qorti ezaminat l-atti kollha tal-process u thoss li huwa minnu li dik l-Qorti, ma segwitx l-proceduri kif stabbilit bl-artikolu 283A tal-Kap 12.

Rat illi l-procedura kif fuq spjegata skond l-artikolu 283A tal-Kap 12 hija mandatarja u l-Qorti ma tistax tiddepartixxi minnha.
Konsegwentement il-Qorti qieghda tilqa t-talba rikorrenti u tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha moghti nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2007 u tordna li l-posizzjoni tal-partijiet tigi mpoggija fl-istess posizzjoni li kienet qabel ma nghata d-digriet fuq imsemmi tat-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2007.

Minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, il-Qorti tordna li l-proceduri odjerni jkunu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------